MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Numru 741/2000

Il-Pulizija
(Spettur Marisa Camilleri)

vs

Donald Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Donald Camilleri ta' karta ta' identita' numru 488672(M) akkuzat:

1. talli f'Marsascala fl-4 ta' Novembru 2000 ghal habta tal-11.30am ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom huwa ta' iktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' Francis Mifsud mill-Gzira, liema serq kien ikkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa – bi ksur tal-Artikolu 267 u 271(a) tal-Kap 9;

**2.** li wkoll bhala ufficjal jew impiegat pubbliku ghamel reat li kien fid-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi – bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Ligijiet ta' Malta,

Rat it-talba sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuza hi wahda ta' serq bl-aggravji tal-valur u tax-xorta tal-haga misruqa, u kwalifikat bl-istatus ta' ufficjal pubbliku inerenti fl-imputat qua persuna bi grad ta' kuntestabbli fil-korp tal-pulizija.

Fil-kaz in ezami dak li hu apparenti hu li fil-gurnata u hin imsemmija fl-akkuza sehhet serqa minn vettura ta' certu Francis Mifsud li kient tinsab parkeggjata gewwa l-lukanda 'Jerma Palace' ta' Marsascala, konsistenti s-serqa, f'ekwipaggjament ta' ghaddas, li lista tieghu tinstab esebita fl-atti, u li l-valur komplessiv inghad li huwa ta' Lm800. Issa n-ness bejn is-serqa u l-imputat tikkonsisti fix-xhieda ta' zewg persuni ta' nazzjonalita Ingliza li kienu osservaw ragel hiereg mill-lukanda izomm kaxxa ta' kulur blu li tghabbiet f'Van li kellu n-numru ta' registrazzjoni tieghu BAD 335 skond kif affermaw l-istess zewg xhieda. Kien proprju l-indikazzjoni tan-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li wassal ghall-imputat li minn naha tieghu innega mill-bidu nett kull involvement f'din is-serqa u anzi pproduca xhieda li attestaw fejn kien jinsab fil-hin meta sehhet.

Illi din il-Qorti kif preseduta ma kellhiex l-opportunita li tisma hi ‘viva voce’ ix-xhieda taz-zewg barranin li indubbjament wrew responsabbilta’ li rrapurtaw dak li lilhom dehrilhom bhala suspettuz izda li sfortunatament ma kellhux esitu li tigi sfrattata s-serqa. Madanakollu din il-Qorti qeghdha tiggudika lill-imputat u ghandha izzomm ferma f’mohha l-principju bazilari li hija l-prosekuzzjoni li ghandha tipprova l-kaz taghha l-fuq minn kull dubbju ragjonevoli b’daqstant li jekk l-imputat jirnexxi jgib prova fuq bazi tal-probabbli li ma kienx hu allura ghandha tillibera.

Fil-kaz in disamina din l-Qorti mhiex komda li, apparti l-identifikazzjoni tan-numru tal-vettura, toqghod fuq l-identifikazzjoni tal-imputat miz-zewg turisti, stante li fil-fehma ta’ din il-Qorti tali identifikazzjoni ma tistax tissejjah posittiva minghajr ma thalli xi dubbju dwarha. Hemm wkoll fattur iehor li ghandu certa rilevanza fil-kaz li hu li skond id-derubat il-hin tas-serqa kien circa is-saghtejn ta’ wara nofs in-nhar waqt li z-zewg turisti jindikaw bhala hin il-hdax u nofs circa ta’ filghodu. Imbaghad hemm ix-xhieda tal-imputat innifsu, l-istqarrija tieghu u x-xhieda minnu prodotti li din il-Qorti kellha l-opportunita li tosservhom u tismaghhom ‘viva voce’ u li ma ssib xejn fil-komportament taghhom li twassalha biex tghid li ma qalux il-verita. Rinfaccjata b’dan il-kwadru din il-Qorti jidrilha li jonqos fiha l-konvinciment morali li tafferma kien l-imputat li wettaq is-serqa ghal tal-anqas kif prospettat fl-akkuza.

Taqta’ u tiddecidi ghalhekk li ma ssibx htija fl-imputat u kwindi tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------